32006L0059

29.6.2006 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 175/61

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/59/KE

## tat-28 ta' Ġunju 2006

## li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi ta' carbaryl, deltamethrin, endosulfan, fenithrothion, methidathion u oxamyl

**(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/895/KEE tat-23 ta' Novembru ta' l-1976 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq il-frott u l-ħaxix ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi ġewwa u fuq iċ-ċereali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għar-residwi tal-pestiċidi fi u fuq oġġetti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru ta' l-1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi ġewwa u fuq ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1)(f), tagħha,

Billi:

(1) Fil-każ taċ-ċereali u l-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, fosthom il-frott u l-ħxejjex, il-livelli tar-residwi jirriflettu l-użu ta' kwantitajiet minimi tal-pestiċidi meħtieġa sabiex tinkiseb il-protezzjoni effettiva tal-pjanti, applikata b'tali mod li l-ammont tar-residwu jkun baxx kemm jista' jkun aċċettabbli fil-prattika u tossikoloġikament, billi jitqiesu, b'mod partikolari, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-konsum dijetetiku stmat tal-konsumaturi. Fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali, il-livelli tar-residwi jirriflettu l-konsum minn annimali ta' ċereali u prodotti li joriġinaw mill-pjanti li jiġu ttrattati bil-pestiċidi, u fejn huwa rilevanti, il-konsegwenzi diretti ta' l-użu tal-mediċini veterinarji. Il-livelli massimi ta' residwi Komunitarji (MRLs) jirrappreżentaw l-ogħla limitu ta' l-ammont ta' tali residwi li wieħed jista' jistenna li jsib fl-oġġetti meta jkunu ġew rispettati prattiki agrikoli tajbin.

(2) L-MRLs għall-pestiċidi jinżammu għar-reviżjoni u jinbidlu sabiex titqies l-informazzjoni u d-dejta ġdida. L-MRLs huma stipolati fil-livell l-aktar baxx ta' l-individwazzjoni analitika fejn it-tipi ta' użu awtorizzati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma' jirriżultawx f'livelli ta' residwi ta' pestiċidi li jistgħu jiġu individwati ġewwa jew fuq il-prodott ta' l-ikel, jew fejn m'hemm ebda tip ta' użu awtorizzat, jew fejn it-tipi ta' użu awtorizzati mill-Istati Membri ma' kellhomx l-appoġġ tad-*data* meħtieġa, jew fejn it-tipi ta' użu f'pajjiżi terzi li jirriżultaw f'residwi ġewwa jew fuq il-prodotti ta' l-ikel li jistgħu jiċċirkolaw fis-suq tal-Komunitá ma ġewx appoġġati bid-dejta meħtieġa.

(3) Il-Kummissjoni ġiet infurmata li għal diversi pestiċidi, l-MRLs attwali jista' jkun li jeħtieġ jiġu riveduti fid-dawl tad-disponibbiltà ta' informazzjoni ġdida dwar it-tossikoloġija u x-xejriet ta' konsum. Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri relaturi rilevanti sabiex jagħmlu proposti għar-reviżjoni ta' l-MRLs Komunitarji. Proposti bħal dawn tressqu lill-Kummissjoni.

(4) L-esponiment tal-konsumaturi matul ħajjithom kif ukoll għal perjodu qasir għall-pestiċidi li jissemmew f'din id-Direttiva, permezz tal-prodotti ta' l-ikel, ġew studjati mill-ġdid u evalwati skond il-proċeduri u prattiki tal-Komunità, filwaqt li tqiesu l-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ([6]). Fuq dik il-bażi, huwa xieraq li jiġu ffissati MRLs ġodda, sabiex jiġi aċċertat li ma jkun hemm ebda esponiment inaċċettabbli tal-konsumatur.

([1]) ĠU L 340, 9.12.1976, p. 26. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/70/KE (ĠU L 276, 21.10.2005, p. 35).

([2]) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/30/KE (ĠU L 75, 14.3.2006, p. 7).

([3]) ĠU L 221, 7.8.1986, p. 43. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/30/KE.

([4]) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/53/KE (ĠU L 154, 8.6.2006, p. 11).

([5]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni (ĠU L 130, 18.5.2006, p. 27).

([6]) Linji ta' Gwida għat-tbassir tal-konsum djetetiku ta' residwi tal-pestiċidi (riveduti), imħejjija mill-GEMS/Programm ta' Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex fuq ir-Residwi tal-Pestiċidi, ppubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

(5) Fejn huwa rilevanti, l-esponiment akut tal-konsumaturi għal dawk il-pestiċidi permezz ta' kull wieħed mill-prodotti ta' l-ikel li jista' jkun fihom residwi ġie studjat u evalwat skond il-proċeduri u l-prattiki tal-Komunità, filwaqt li tqiesu l-linji ta' gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Huwa konkluż li l-preżenza ta' residwi ta' pestiċidi fi jew taħt l-MRLs mhumiex se jikkawżaw effetti tossiċi akuti.

(6) Permezz ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-imsieħba kummerċjali tal-Komunità ġew ikkonsultati dwar l-MRLs ġodda u tqiesu l-kummenti tagħhom dwar dawn il-livelli.

(7) L-Annessi għad-Direttivi 76/895/KEE, 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati kif jixraq.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Fl-Anness II tad-Direttiva 76/895/KEE l-entrati marbuta mal-*carbaryl* u l-*fenithrothion* jitħassru

*Artikolu 2*

Id-Direttiva 86/362/KEE hi emendata kif ġej:

(a) F'Parti A ta' l-Anness II, jiżdiedu l-linji għall-*oxamyl* kif stipulati fl-Anness I għal din id-Direttiva.

(b) Fil-Parti A ta' l-Anness II, il-linji għad-*deltamethrin* u l-*methidathion* jinbidlu bit-test fl-Anness II għal din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Id-Direttiva 86/363/KEE hi emendata kif ġej:

(a) F'Parti A ta' l-Anness II, tiżdied il-linja għall-*carbaryl* fl-Anness III għal din id-Direttiva.

(b) Fil-Parti B ta' l-Anness II, il-linja għad-*deltamethrin* tinbidel bit-test fl-Anness IV ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Id-Direttiva 90/642/KEE hi emendata kif ġej:

(a) Fl-Anness II, jiżdiedu l-linji għall-*carbaryl* u l-*oxamyl* kif stipulati fl-Anness V għal din id-Direttiva.

(b) Fl-Anness II, il-linji għad-*deltamethrin, endosulfan, fenithrothion* u l-*methidathion* jinbidlu bit-test fl-Anness VI għal din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tinkiseb konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [sitt xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ħlief għal dawk id-dispożizzjonijiet għall-*oxamyl* li għandhom jiġu applikati minn 18-il xahar u jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea]

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 7*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 28 ta' Ġunju 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Markos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

| Residwi ta’ pestiċidi | Livelli massimi mg/kg |
|---|---|
| “Oxamyl | 0,01 (*) (p)<br>ĊEREALI |

(*) tindika l-limitu ta’ isfel tad-determinazzjoni analitika.

(p) tindika li l-livell massimu proviżorju ta’ residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b’effett minn [4 ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda].”

*ANNESS II*

| Residwi ta’ pestiċidi | Livelli massimi mg/kg |
|---|---|
| “Deltametrin | 2<br>ĊEREALI |
| Methidathion | 0.02 (*)<br>ĊEREALI |

(*) tindika l-limitu ta’ isfel tad-determinazzjoni analitika”.

*ANNESS III*

| Residwi ta' pestiċidi | Livelli massimi mg/kg | | |
|---|---|---|---|
| | ta' xaħam, preparazzjonijiet tal-laħam, il-ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4) | ta' ħalib tal-baqra u ħalib tal-baqra sħiħ elenkat fl-Anness I taħt l-intestaturi Nru 0401; għal oġġetti ta' l-ikel oħra fl-intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406 skond (2) (4) | ta' bajd frisk mingħajr qoxra, ta' bajd u l-isfar tal-bajd ta' għasafar elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 u 0408 (3) (4) |
| "*carbaryl* | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,05 (*) |

(*) tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika."

*ANNESS IV*

| Residwi ta' pestiċidi | Livelli massimi mg/kg | | |
|---|---|---|---|
| | tax-xaham fil-laħam, preparazzjonijiet tal-laħam, il-ġewwieni u xaħmijiet ta' l-annimali elenkati fl-Anness I taht l-intestaturi Nri ex 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602 (1) (4) | ta' ħalib tal-baqra u ħalib tal-baqra sħiħ elenkat fl-Anness I taħt l-intestaturi Nru 0401; għal oġġetti ta' l-ikel oħra fl-intestaturi Nri 0401, 0402, 0405 00 u 0406 skond (2) (4) | ta' bajd frisk mingħajr qoxra, ta' bajd u isfar tal-bajd ta' għasafar elenkati fl-Anness I taħt l-intestaturi Nri 0407 00 u 0408 (3) (4) |
| "deltametrin (cis-deltametrin) ([a]) | fwied u kliewi 0,03 (*), tjur tar-razzett u prodotti tagħhom 0,1, oħrajn 0,5 | 0,05 | 0,05 (*) |

(*) tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika.

([a]) MRL temporanju validu sa l-1 ta' Novembru 2007, fl-istennija ta' reviżjoni tad-dossjer ta' l-Anness III skond 91/414/KEE u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-formolazzjoijiet tad-*deltamethrin* fuq il-livell ta' l-Istati Membri."

*ANNESS V*

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl (b) |
|---|---|---|
| "1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriżervat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież (nuts)** | | |
| (i) **IL-FROTT TAĊ-ĊITRU** | 0,05 (*) | |
| Grejpfrut | | |
| Lumi | | |
| Lajm | | |
| Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra) | | 0,02 (p) |
| Larinġ | | |
| Pomelos | | |
| Oħrajn | | 0,01 (*) (p) |
| (ii) **IL-ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (*TREE NUTS*) (bil-qoxra jew mingħajrha)** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Lewż | | |
| Ġewż tal-Brażil | | |
| Kexjus/ġwież ta' l-anakardju | | |
| Qastan | | |
| Ġewż ta' l-Indi | | |
| Ġellewż | | |
| Makadamja | | |
| Ġwież tal-Pekan | | |
| Ġwież ta' l-arznu (*pine nuts*) | | |
| Pistaċċi | | |
| Ġewż | | |
| Oħrajn | | |
| (iii) **IL-FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA (*POME FRUIT*)** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Tuffieħ | | |
| Lanġas | | |
| Sfarġel | | |
| Oħrajn | | |
| (iv) **IL-FROTT TA' L-GĦADMA** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Berquq | | |
| Ċirasa | | |
| Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili) | | |
| Għajnbaqar | | |
| Oħrajn | | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl (b) |
|---|---|---|
| (v) ***BERRIES* U FROTT ŻGĦIR** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| (a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid | | |
| Għeneb ta' l-ikel | | |
| Għeneb ta' l-inbid | | |
| (b) Frawli (mhux selvaġġ) | | |
| (c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ) | | |
| Tut | | |
| *Dewberries* | | |
| *Loganberries* | | |
| Lampun | | |
| Oħrajn | | |
| (d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak salvaġġ) | | |
| *Bilberries* | | |
| *Cranberries* | | |
| Passolina (ħamra, sewda u bajda) | | |
| *Gooseberries* | | |
| Oħrajn | | |
| (e) *Berries* u frott żgħir salvaġġ | | |
| (vi) **DIVERSI** | | 0,01 (*) (p) |
| Avokado | | |
| Banana | | |
| Tamal | | |
| Tin | | |
| Kiwi | | |
| *Kumquats* | | |
| *Litchis* | | |
| Mango | | |
| Żebbuġ (konsum bħala ikel) | 5 | |
| żebbuġ (estrazzjoni taż-żejt) | 5 | |
| Papaja | | |
| Passion fruit | | |
| Ananas | | |
| Rummien | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl ([b]) |
|---|---|---|
| 2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin** | | |
| (i) **ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW GĦERUQ** | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| Pitrava ħamra | | |
| Karrotti | | |
| Kassava | | |
| Krafes | | |
| *Horseradish* | | |
| Artiċokks | | |
| Zunnarija bajda | | |
| Għeruq tat-tursin | | |
| Ravanell | | |
| Sassefrika | | |
| Patata ħelwa | | |
| *Swedes* | | |
| Pitravi | | |
| Jam | | |
| Oħrajn | | |
| (ii) **ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' BASAL** | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| Tewm | | |
| Basal | | |
| *Shallots* | | |
| *Spring Onions* | | |
| Oħrajn | | |
| (iii) **ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA** | | |
| (a) *Solanacea* | | |
| Tadam | 0,5 | 0,02 ([p]) |
| Bżar | | 0,02 ([p]) |
| Brunġiel | | 0,02 ([p]) |
| *Okra* | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| (b) *Cucurbits* — bil-qoxra tittiekel | 0,05 (*) | |
| Ħjar | | 0,02 ([p]) |
| Pikles | | 0,02 ([p]) |
| Zukkini | | 0,03 ([p]) |
| Oħrajn | | 0,01 (*) ([p]) |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl ([b]) |
|---|---|---|
| (c) *Cucurbits* — bil-qoxra li ma tittikilx | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| Bettieħ | | |
| *Squashes* | | |
| Dulliegħ | | |
| Oħrajn | | |
| (d) Qamħirrum ħelu | | 0,01 (*) ([p]) |
| (iv) **ĦXEJJEX TAL-BRASSIKA** | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| (a) Brassika li tagħmel il-fjuri | | |
| Brokkoli | | |
| Pastard | | |
| Oħrajn | | |
| (b) Brassika bir-ras | | |
| Kaboċċi ta' Brussell | | |
| Kaboċċi tar-ras | | |
| Oħrajn | | |
| (c) Brassika bil-weraq | | |
| Kaboċċi taċ-Ċina | | |
| *Kale* | | |
| Oħrajn | | |
| (d) Kohlrabi | | |
| (v) **ĦXEJJEX BIL-WERAQ U ĦAXIX AROMATIKU FRISK** | 0,05 (*) | 0,01 (*) ([p]) |
| (a) Ħass u simili | | |
| Krexxuni | | |
| Ħass tal-ħaruf | | |
| Ħass | | |
| *Scarole* | | |
| Insalata (aruka) | | |
| Weraq u zkuk tal-brassika | | |
| Oħrajn | | |
| (b) Spinaċi u simili | | |
| Spinaċi | | |
| Weraq tal-pitravi (*chard*) | | |
| Oħrajn | | |
| (c) Krexxuni ta' l-ilma | | |
| (d) *Witloof* | | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl (b) |
|---|---|---|
| (e) Ħxejjex aromatiċi | | |
| Maxxita | | |
| Kurrat salvaġġ | | |
| Tursin | | |
| Weraq tal-karfus | | |
| Oħrajn | | |
| (vi) **ĦXEJJEX LEGUMI (friski)** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Fażola (bil-miżwed) | | |
| Fażola (mingħajr miżwed) | | |
| Fażola (bil-miżwed) | | |
| Piżelli (mingħajr miżwed) | | |
| Oħrajn | | |
| (vii) **ĦXEJJEX TAZ-ZOKK (friski)** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Asparagu | | |
| Kardun | | |
| Karfus | | |
| Bużbież | | |
| Qaqoċċ | | |
| Kurrat | | |
| Rabarbru | | |
| Oħrajn | | |
| (viii) **FAQQIEGĦ** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| (a) Faqqiegħ ikkoltivat | | |
| (b) Faqqiegħ selvaġġ | | |
| 3. **Żrieragħ imnixxfin** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Fażola | | |
| Għads | | |
| Piżelli | | |
| Oħrajn | | |
| 4. **Żejt taż-żrieragħ** | 0,05 (*) | 0,02 (*) (p) |
| Żerriegħa tal-kittien | | |
| Karawett | | |
| Żerriegħa tal-peprin | | |
| Ġulġlien | | |
| Żerriegħa tal-ġirasol | | |
| Żerriegħa tal-lift | | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Carbaryl | Oxamyl (b) |
|---|---|---|
| Żerriegħa tas-sojja | | |
| Żerriegħa tal-mustarda | | |
| Żerriegħa tal-qoton | | |
| Żerriegħa tal-qanneb | | |
| Oħrajn | | |
| 5. **Patata** | 0,05 (*) | 0,01 (*) (p) |
| Patata bikrija | | |
| Varjazzjonijiet ta' patata | | |
| 6. **TE (weraq u zkuk, imnixxef, iffermentat jew ieħor, mill-weraq tal-*Camellia sinensis*)** | 0,1 (*) | 0,02 (p) |
| 7. **Ħops (imnixxef), inklużi ħbub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat** | 0,1 (*) | 0,02 (p) |

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika.

(p) Tindika li l-livell massimu proviżorju ta' residwu skond l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sakemm ma jiġix emendat, dan il-livell se jsir definittiv b'effett minn [4 ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda].

(b) MRL temporanju validu sa l-1 ta' Jannar 2008, fl-istennija tat-tressiq tad-dejta sperimentali."

*ANNESS VI*

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | *Deltametrin (cis-deltametrin)* ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u *endosulfan-sulphate* espress bħala *endosulfan*) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| "1. **Frott, frisk, imnixxef jew nej, ippriżervat fil-friża, mingħajr zokkor miżjud; ġwież (nuts)** | | | 0,01 (*) | |
| (i) **IL-FROTT TAĊ-ĊITRU** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | 2 |
| Grejpfrut | | | | |
| Lumi | | | | |
| Lajm | | | | |
| Mandolin (inklużi l-klementini u ibridi oħra) | | | | |
| Larinġ | | | | |
| Pomelos | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (ii) **IL-ĠWIEŻ TAS-SIĠAR (TREE NUTS) (bil-qoxra jew mingħajrha)** | 0,05 (*) | 0,1 (*) | | 0,05 (*) |
| Lewż | | | | |
| Ġewż tal-Brażil | | | | |
| Kexjus/ġwież ta' l-anakardju | | | | |
| Qastan | | | | |
| Ġewż ta' l-Indi | | | | |
| Ġellewż | | | | |
| Makadamja | | | | |
| Ġwież tal-Pekan | | | | |
| Ġwież ta' l-arznu (*pine nuts*) | | | | |
| Pistaċċi | | | | |
| Ġewż | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (iii) **IL-FROTT TAŻ-ŻERRIEGĦA** (*POME FRUIT*) | | | | 0,02 (*) |
| Tuffieħ | 0,2 | | | |
| Lanġas | | 0,3 | | |
| Sfarġel | | | | |
| Oħrajn | 0,1 | 0,05 (*) | | |
| (iv) **IL-FROTT TA' L-GĦADMA** | | 0,05 (*) | | |
| Berquq | | | | |
| Ċirasa | 0,2 | | | |
| Ħawħ (inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili) | | | | 0,05 |
| Għajnbaqar | | | | 0,2 |
| Oħrajn | 0,1 | | | 0,02 (*) |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | *Deltametrin (cis-deltametrin)* ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u *endosulfan-sulphate* espress bħala *endosulfan*) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| (v) ***BERRIES* U FROTT ŻGĦIR** | | | | |
| (a) Għeneb ta' l-ikel u ta' l-inbid | 0,2 | 0,5 | | 0,02 (*) |
| Għeneb ta' l-ikel | | | | |
| Għeneb ta' l-inbid | | | | |
| (b) Frawli (mhux selvaġġ) | 0,2 | 0,05 (*) | | 0,02 (*) |
| (c) Frott tal-qasab (ħlief dak selvaġġ) | | 0,05 (*) | | 0,02 (*) |
| Tut | 0,5 | | | |
| *Dewberries* | | | | |
| *Loganberries* | | | | |
| Lampun | 0,5 | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | |
| (d) Frott żgħir ieħor (ħlief dak salvaġġ) | | 0,05 (*) | | 0,02 (*) |
| *Bilberries* | | | | |
| *Cranberries* | | | | |
| Passolina (ħamra, sewda u bajda) | 0,5 | | | |
| *Gooseberries* | 0,2 | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | |
| (e) *Berries* u frott żgħir salvaġġ | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | 0,02 (*) |
| (vi) **DIVERSI** | | 0,05 (*) | | |
| Avokado | | | | |
| Banana | | | | |
| Tamal | | | | |
| Tin | | | | |
| Kiwi | 0,2 | | | |
| *Kumquats* | | | | |
| *Litchis* | | | | |
| Mango | | | | |
| żebbuġ (konsum bħala ikel) | 1 | | | 1 |
| żebbuġ (għall-estrazzjoni taż-żejt) | 1 | | | 1 |
| Papaja | | | | |
| *Passion fruit* | | | | |
| Ananas | | | | |
| Rummien | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | 0,02 (*) |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | *Deltametrin (cis-deltametrin)* ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u *endosulfan-sulphate* espress bħala *endosulfan*) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| 2. **Ħxejjex, friski jew mhux imsajrin, iffriżati jew imnixxfin** | | | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| (i) **ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' TUBERI JEW GĦERUQ** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | |
| Pitrava Ħamra | | | | |
| Karrotti | | | | |
| Kassava | | | | |
| Krafes | | | | |
| *Horseradish* | | | | |
| Artiċokks | | | | |
| Zunnarija bajda | | | | |
| Għeruq tat-tursin | | | | |
| Ravanell | | | | |
| Sassefrika | | | | |
| Patata ħelwa | | | | |
| Swedes | | | | |
| Pjanta tal-ġenus | | | | |
| Jam | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (ii) **ĦXEJJEX FIL-FORMA TA' BASAL** | | 0,05 (*) | | |
| Tewm | 0,1 | | | |
| Basal | 0,1 | | | |
| *Shallots* | 0,1 | | | |
| *Spring onions* | 0,1 | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | |
| (iii) **ĦXEJJEX LI HUMA L-FROTTA TAL-PJANTA** | | | | |
| (a) *Solanacea* | | | | |
| Tadam | 0,3 | 0,5 | | |
| Bżar | | 1 | | |
| Brunġiel | 0,3 | | | |
| *Okra* | 0,3 | | | |
| Oħrajn | 0,2 | 0,05 (*) | | |
| (b) *Cucurbits* tal-qoxra li ma tittikilx | 0,2 | 0,05 (*) | | |
| Ħjar | | | | |
| Pikles | | | | |
| Zukkini | | | | |
| Oħrajn | | | | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | Deltametrin (cis-deltametrin) ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u endosulfan-sulphate espress bħala endosulfan) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| (c) *Cucurbits* — tal-qoxra li ma tittikilx | 0,2 | 0,05 (*) | | |
| Bettieħ | | | | |
| *squashes* | | | | |
| Dulliegħ | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (d) Qamħirrum ħelu | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | |
| (iv) **ĦXEJJEX BRASSICA** | | 0,05 (*) | | |
| (a) Brassika li tagħmel il-fjuri | 0,1 | | | |
| Brokkoli | | | | |
| Pastard | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (b) Brassika bir-ras | 0,1 | | | |
| Kaboċċi ta' Brussell | | | | |
| Kaboċċi tar-ras | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (c) Brassika bil-weraq | 0,5 | | | |
| Kaboċċi taċ-Ċina | | | | |
| Kale | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (d) Ġdur | 0,05 (*) | | | |
| (v) **ĦXEJJEX BIL-WERAQ TAGĦHOM & ĦAXIX AROMATIKU FRISK** | | 0,05 (*) | | |
| (a) Ħass u simili | 0,5 | | | |
| Krexxuni | | | | |
| Ħass tal-ħaruf | | | | |
| Ħass | | | | |
| *Scarole* | | | | |
| Insalata (aruka) | | | | |
| Weraq u zkuk tal-brassika | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (b) Spinaċi u simili | 0,5 | | | |
| Spinaċi | | | | |
| Weraq tal-pitravi (*chard*) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (c) Krexxuni ta' l-ilma | 0,05 (*) | | | |
| (d) *Witloof* | 0,05 (*) | | | |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | *Deltametrin (cis-deltametrin)* ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u *endosulfan-sulphate* espress bħala *endosulfan*) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| (e) Ħxejjex aromatiċi | 0,5 | | | |
| Maxxita | | | | |
| Kurrat salvaġġ | | | | |
| Tursin | | | | |
| Weraq tal-karfus | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (vi) **ĦXEJJEX LEGUMI (friski)** | 0,2 | 0,05 (*) | | |
| Fażola (bil-miżwed) | | | | |
| Fażola (mingħajr miżwed) | | | | |
| Fażola (bil-miżwed) | | | | |
| Piżelli(mingħajr miżwed) | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| (vii) **ĦXEJJEX FORMA TA' ZOKK (friski)** | | 0,05 (*) | | |
| Asparagu | | | | |
| Kardun | | | | |
| Karfus | | | | |
| Bużbież | | | | |
| Qaqoċċa | 0,1 | | | |
| Kurrat | 0,2 | | | |
| Rabarbru | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | | | |
| (viii) **FAQQIEGĦ** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | | |
| (a) Faqqiegħ ikkoltivat | | | | |
| (b) Faqqiegħ selvaġġ | | | | |
| 3. **Żieragħ imnixxfin** | 1 | 0,05 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| Fażola | | | | |
| Għads | | | | |
| Piżelli | | | | |
| Oħrajn | | | | |
| 4. **Żejt taż-żieragħ** | | | 0,01 (*) | |
| Żerriegħa tal-kittien | | | | |
| Karawett | | | | |
| Żerriegħa tal-peprin | | | | |
| Ġulġlien | | | | |
| Żerriegħa tal-ġirasol | | | | |
| Żerriegħa tal-lift | 0,1 | | | 0,05 |

| Gruppi u eżempji ta prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs | *Deltametrin (cis-deltametrin)* ([a]) | Endosulfan (total ta' iżomeri alpha- u beta- u *endosulfan-sulphate* espress bħala *endosulfan*) | Fenitrothion | Methidathion |
|---|---|---|---|---|
| Żerriegħa tas-sojja | | 0,5 | | |
| Żerriegħa tal-mustarda | 0,1 | | | |
| Żerriegħa tal-qoton | | 5 | | |
| Żerriegħa tal-qanneb | | | | |
| Oħrajn | 0,05 (*) | 0,1 (*) | | 0,02 (*) |
| 5. **Patata** | 0,05 (*) | 0,05 (*) | 0,01 (*) | 0,02 (*) |
| Patata bikrija | | | | |
| Varjazzjonijiet ta' patata | | | | |
| 6. **TE (weraq u zkuk, imnixxef, iffermentat jew ieħor, mill-weraq tal-*Camellia sinensis*)** | 5 | 30 | 0,5 | 0,1 (*) |
| 7. **Ħops (imnixxef), inklużi ħbub tal-ħops u ħops fil-forma trab mhux ikkonċentrat** | 5 | 0,1 (*) | 0,02 (*) | 0,1 (*) |

([a]) MRL temporanju validu sa l-1 ta' Novembru 2007, fl-istennija ta' reviżjoni tad-dossjer ta' l-Anness III skond 91/414/KEE u r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-formolazzjoijiet tad-*deltamethrin* fuq il-livell ta' l-Istati Membri.

(*) Tindika l-limitu ta' isfel tad-determinazzjoni analitika."